# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ritianne Gauci)**

**Vs**

**Rita Azzopardi**

**Kawza: Distrett Naxxar**

Illum, 30 ta'April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rita Azzopardi, ta' 59 sena bint George Farrugia u Rose imwieleda Malta fis-27 ta' Jannar, 1965 u residenti 143 B, Springer, Triq Guze' Bonnici Iklin akkuzata talli nhar it-18 ta' Awwissu 2024 ghal habta ta' bejn 00:00 hrs u 00:15 hrs gewwa Triq Guze' Bonnici Iklin u f' dawn il-gzejjer Maltin

1. Insultentajt heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b' mod iehor lil Maria Christine Dandalo.
2. U aktar talli nhar is-27 ta' Awwissu, 2024 wara li kont avzat kemm bil-fomm kif ukoll b' avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Naxxar, sabiex taghti dak it-taghrif u /jew ggib mieghek dawk id-dokumentazzjoni li l-Pulizija kienu jehtiegu fuq xi investigazzjoni inqast li taghmel dan.

Rat l-affidavit ta' PC 1524 K. Cortis ipprezentat mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Maria Christine Dandolo.

Rat li fis-seduta tal-12 ta' Novembru, 2024 wara li seduta stante gie muri CCTV u l-Qorti rat li ma ghandu x' jaqsam xejn ma' l-kaz in dizamina d-dokument gie irtirat mill-prosekuzzjoni.

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2024 l-Qorti cahdet it-talba tal-parte civile li tezebixxi pen drive stante li dawn il-proceduri huma sommarji;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2024;

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhiedx;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikoli 339(1)(e)u 335AD (3)(4)(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

<u>Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PC 1524 K. Cortis**ipprezentat mat-tahrika tal-kawza.

Fil-18 ta' Awwissu, 2024 ghal habta ta' 17:35 hrs irrapportat l-Ghassa tan-Naxxar certa Maria Christine Dandolo li stqarret li xtaqet taghmel rapport fil-konfront tal-gara taghha. Irrapportat li dak in-nhar stess ghal habta ta' 00:00hrs hekk kif hija kienet ipparrkjat u kienet hierga mill-karozza semghet ilma niezel mid-drain tal-gallarija ta' Rita. Il-kwerelanta xammet riha ta' sapun fejn dan l-ilma kien niezel go sigra tal-lumi li tinstab fil-parapett taghha.

Tirrapporta li hija hadet video fuq il-mobile u li Rita insulentatha u wara dahlet gewwa.

Nhar il-26 ta' Awwissu, 2024 Letter to Call giet imqasmha fir-residenza tal-imputata biex tirrapporta l-Ghassa tan-Naxxar nhar 27/08/2024 fil-hinijiet ta' 18:00 hrs u 05:00 hrs.

Il-pulizija ghamlet kuntatt ma Rita fuq il-numru cellolari tagha ghal habta ta' 18:40 hrs fejn hija stqarret li ma tistax tigi l-Ghassa minhabba ragunijiet medici u li kienet ghand it-tabib. Meta giet mistoqsija meta tista' tigi mitkellma hija ziedet li ghalissa ma tistax. Hija giet infurmata li jekk ma tirrikorrix gewwa l-Ghassa ser jinhargu l-akkuzi minghajr il-verzjoni taghha.

**Maria Christina Dandolo** xehedet bil-gurament fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2024. Taghraf lil imputata fl-awla. L-imputata toqghod fil-maisonette ta' fuq u x-xhud tirrisjedi fil-maisonette ta' taht. Ir-residenzi jinstabu gewwa Triq Guze' Bonnici l-Iklin.

Dak in-nhar tal-incident waslet id-dar, ipparkjat il-karozza u harget. Ma tiftakarx id-data ezatta imma kienu ghal habta ta' nofs il-lejl. Tixhed

"Qorti: Imma nafu liema xahar kienet?

Xhud: Fis-sajf xi f'xi Awwissu mingħalija nsomma wasalt id-dar u bdejt nisma' l-ilma nieżel u ttawwalt biex nara jekk hemmx xita u fil-pront inxomm riħa qawwija ta' sapun u ħarist il fuq u nsib ir-Rita barra fil-gallarija bil-squeezer f`idha u kif ratni ħarset lejja u qaltli ibqa' dieħla l-ġewwa. U ndunajt li ħa terġa' tagħmel li kif dejjem għamlitli qabel. Ħriġt il-mowbajl għedtilha li qed nirrekordja u bdiet tghajjarni hafna ismijiet koroh bħal liba bħal ssabbat il-bieb qalet jekk xbajniex immorru għand il-pulizija u li sejra għand il-pulizija hi u offendietni."

Ikkunsidrat

<u>Dwar l-ewwel imputazzjoni</u>

Illi l-akkuza kontra l-imputata tirriferi ghal incident specifiku u ghal data specifika. Fix-xhieda taghha il-parte civile naqset milli tindika d-data ta' meta sehh l-allegat incident.

L-unika prova li tressqet kienet ix-xhieda tal-parte civile li ma gietx ikkollaborata b' xhieda jew evidenza ohra.

Illi stante li ma kienx hemm xhieda cara u inekwivoka mill-parti lesa ghal meta sehh l-allegat reat din il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza ma gietx ipprovata fil-grad mitlub mill-ligi ghal sejbien ta' htija fil-kamp kriminali.

Dwar it-tieni imputazzjoni

Illi l-prosekuzzjoni ezebiet letter to call datata 11 ta' Settembru, 2024 fejn l-imputata giet infurmata li hija qed tigi investigata b' relazzjoni ghal reat kriminali. Fl-ittra li giet ezebita ma hemm ebda' indikazzjoni ghal liema reat qed jirriferu ghalih. Fl-affidavit ta' **PC 1524 K. Cortis,** u ukoll fir-rapport ipprezentat hemm indikat ir-raguni ghaliex l-imputata ma attendietx ghal appuntament u ghaliex ma tistax tattendi ghalissa – ir-ragunijet huma ta' natura medika. Hija ma eskludietx li tkellem lil pulizija meta kienet tkun f' pozizzjoni li taghmel dan.

Illi apparti minn hekk jigi rilevat li filwaqt li l-akkuza tirriferi ghal 27 ta' Awwissu, 2024 il-letter to call li giet ezebita f' dawn il-proceduri hija datata 11 ta' Settembru, 2024 u d-data li qed tintalab l-imputata tmur l-ghassa hija 27 ta' Awwissu 2025. Dan johloq dubju serju dwar id-dokument ezebiet.

Illi din l-imputazzjoni ma gietx ipprovata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 339 (1)(e), Art. 355AD(3)(4)(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil **Rita Azzopardi** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**